MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Numru. 740/2003

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)

versus

Jon Lawrence Formosa

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet magħmula kontra Jon Lawrence Formosa ta’ 25 sena bin il-mejjet John u Barbara nee Polverson, imwieled Londra fir-renju Unit nhar is-6 ta’ Marzu, 1978 u residenti 26 Triq il-Mitħna, Bormla, karta ta’ l-identita’ bin-numru 546993 (M)

Akkużat talli fid-29 ta’ Lulju 2003, u fit-30 ta’ Lulju 2003, fl-Isla, fil-Fgura u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew bil-firem, u cioe' cekk numru: 3298 tal-***Bank of Valletta*** li jappartjenu lil ***Rayair Automation Ltd.,*** billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, u cioe' cekk numru 3298 tal-***Bank of Valletta*** fuq l-akkont ta' ***Rayair Automation Ltd.,*** illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku Gvern, u aktar talli ghamiltu uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' ***Go Mobisle Co Ltd, Rayair Automation Ltd., Bank of Valletta*** u diversi persuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. xjentement laqa' ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur ta' l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. talli kiser il-kundizzjonijiet tal-art 5 tal-Kap 152 u ta' l-art 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta' Lulju 2002 u mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 t'Awissu 2003.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-24 ta' Mejju, 2004 sabiex il-każ jinstema' bi proċedura sommarja

Rat il-kunsens ta' l-imputat mogħti fis-17 ta' Ġunju, 2004 biex tintuża l-proċedura sommarja;

Rat li ngħata ħin biżżejjed biex l-imputat jaħsibha dwar dan iżda l-imputat baqa' jikkonferma l-għażla tiegħu;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Prosekutur u tad-difensur;

Ikkunsidrat

Jirriżulta lil fit-30 ta' Lulju, 2003 inbiegħ Nokia 7250 mill-ħanut tal-Go mObile fil-Fgura. Dan tħallas b'ċekk ta' Rayair Automation Limited bi prezz ta' Lm210. Dan iċ-ċekk kien ittieħed minn wieħed misruq kif ikkonfermat il-kumpanija Rayair. Min mar biċ-ċekk wera dokument ta' liċenzja tas-sewqan.

Skond Floyd Attard, fil-jum imsemmi, Floyd Attard u Pierre Parnis litaqgħu ma’ l-imputat meta marru jġibu l-mobile biċ-ċekk falz. Jon Lawrenc Formaosa talabhom Lm2 għall-petrol. Daħal jixtri biċ-ċekk Floyd Attard u ntlab is-sim card. Huwa talab is-sim card lill-imputat u tal-Go Mobile tefgħatlu Lm15 (li kienu bl-offerta) fis-Sim Card.

L-istess xhud kompla jispjega li kien sab iċ-cheque book Kordin. Hawn daħal Pierre Parnis għax ix-xhud ma kienx jaf jikteb. Lill-imputat ma tawhx iż-żewġ llri li talabhom iżda talbu li jagħtih is-sim card biex jipprova t-telecell u l-Lm15-il lira Maltija offerta daħlu fis-sim card ta’ l-imputat. It-telcell ngħata mix-xhud lil Lierre li ġab il-flus u wara nqabdu li kien ċekk falz. Sadanittant Jon Lawrence Formosa ma kien jaf b’xejn. L-imputat imbagħad staqsa l-Lm15 –il lira kif kienu ġew. U hawn ix-xhud spjega l-istorja lill-imputat.

Ir-reazzjoni ta’ l-imputat kienet ta’ stmerija għax qal li kienu daħħluh f’balbuljata.

Jirriżulta li l-imputat ma kienx max-xhud meta nstab iċ-cheque book u lanaqas ma kien preżenti meta Pierre Parnis mela ċ-cheque. Lill-imputat qatt ma għarrfuh li huma( Floyd Attard u Pierre Parnis) kellhom cheque book falz u ID card falza. L-impjutat qatt ma daħal fil-ħanut biex jixtri. Il-flus inqasmu bejn ix-xhud u Pierre Parnis, Kien Pierre Parnis li biegħ il-mobile lil Titanic Rental Videos. Lill-imputat lanqas biss qalulu għalfejn kienu ser jużaw is-sim card tiegħu u dak in-nhar kien hu biss li kellu mobile.

Din ix-xhieda kienet sorretta minn dak li xehed Pierre Parnis stess fis-17 ta’ Ġunju, 2004.

Il-Qorti fliet ukoll l-istqarrija ta’ l-imputat magħmula fit-2 ta’ Settembru, 2003 u sabet li taqbel ħafna mal-verżjoni tal-fatti mogħtija aktar ‘il fuq. Isfel nett fl-istqarrija, l-imputat jgħid li iddispjaċih u kienet din il-frażi li wasslet biex jittieħdu passi kontrih.

Imma mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni ma jirriżultax li l-imputat kien kompliċi f'dak li sar jew li kien xi attur prinċipali fix-xena.

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli mogħtija mill-Avukat Ġenerali, jiġifieri, 18, 183, 184, 167, 169, 308, 309, 310, 314 tal-Kap 9 u l-artikolu 7 tal-Kap 446, ma ssibx lill-imputat ħati ta' xi wieħed minn dawn ir-reati u għalhekk qed tilliberah mill-imputazzjonijiet kollha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------